



PARLAMENT EWROPEW

2014 - 2019

Dokument ta' sessjoni

A8-0124/2015

1.4.2015

RAPPORT

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros, ippreżentata minn Franza)
(COM(2015)0068 – C8-0058/2015 – 2015/2056(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Jean-Paul Denanot

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW	3
ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....	7
NOTA SPJEGATTIVA	9
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI	12
ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI.....	15
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	16

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba (Applikazzjoni EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros, ippreżentata minn Franza) (COM(2015)0068 – C8-0058/2015 – 2015/2056(BUD))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0068 – C8-0058/2015),
 - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-Regolament dwar il-FEG),
 - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020², u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³ (il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013), u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu prevista fil-punt 13 tal-FII tat-2 ta' Diċembru 2013,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,
 - wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A8-0124/2015),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġiżlattivi u baġitarji biex toffri appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex tassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol;
- B. billi l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u u għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni kemm jista' jkun malajr u bl-aktar mod effiċjenti possibbli, bi qbil mad-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni tas-17 ta' Lulju 2008, u wara li jkun ġie kkunsidrat kif dovut il-FII tat-2 ta' Diċembru 2013 firrigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

- C. billi l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-FEG tirrifletti l-ftehim li ntlaħaq bejn il-Parlament u l-Kunsill biex jiġi introdott mill-ġdid il-kriterju tal-mobilizzazzjoni b'rabta mal-kriżi, biex il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni tiżdied għal 60 % tal-ispejjeż totali stmati tal-miżuri proposti, biex l-effiċjenza għat-trattament tal-applikazzjonijiet għall-FEG fil-Kummissjoni u mill-Parlament u mill-Kunsill tiżdied billi jitqassar iż-żmien għall-valutazzjoni u għall-approvazzjoni, biex l-azzjonijiet u l-benefiċjarji eleġibbli jiġu estenzi għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għaż-żgħażagħ, u biex jiġu finanzjati l-inċentivi għat-twaqqif ta' impriżi proprji;
- D. billi Franza ppreżentat l-applikazzjoni EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara 2 513-il sensja fl-impriża Mory-Ducros SAS li topera fid-diviżjoni 49 ta' NACE Rev. 2 ("Trasport bl-art u transport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet"), b'sensji mifruxin fuq 84 sit fit-territorju kollu ta' Franza kontinentali;
- E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG;
 - 1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li, għalhekk, Franza hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dak ir-Regolament;
 - 2. Jinnota li l-awtoritajiet Franċiżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fis-6 ta' Ottubru 2014 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fit-23 ta' Frar 2015; jilqa' l-evalwazzjoni rapida li ħadet anqas minn ħames xhur;
 - 3. Jinnota li l-ispiża totali hija ta' EUR 10 087 000, li minnhom EUR 35 000 huma allokatu għall-kontroll u ċ-ċertifikazzjoni, u li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG tammonta għal EUR 6 052 200, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali;
 - 4. Iqis li s-sensji fl-impriża Mory-Ducros SAS huma marbuta mat-tnaqqis ġenerali ta' produzzjoni fiżika fl-Ewropa, li wassal għal tnaqqis fil-volum ittrasportat u għal gwerra tal-prezzijiet fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, fatturi li wasslu għal deterjorament kostanti fil-marġnijiet ta' operazzjoni u telf fuq ieħor għas-settur fi Franza mill-2007 'l hawn; jinnota li wara dan kien hemm mewġa ta' fallimenti, inkluż dak ta' Mory-Ducros; jikkonkludi li dawk l-avvenimenti huma direttament marbuta mal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;
 - 5. Jenfasizza li b'riżultat tal-ftehim wara l-għeluq ta' Mory-Ducros SAS, entità ġdida bl-isem ta' MORY Global kisbet 50 aġenzija minn total ta' 84 u impjegat mill-ġdid 2 107 ħaddiema minn fost 4 911, u b'hekk fir-realtà kien hemm 2 804 ħaddiema li ngħataw is-sensja;
 - 6. Jenfasizza li aktar minn 17 % tal-benefiċjarji li mistennija li jkunu fil-mira tal-azzjonijiet proposti għandhom bejn 55 u 64 sena, u li l-parteċipazzjoni tagħhom f'dawn il-miżuri ta'

appoġġ proposti se tgħinjom jevitaw il-qgħad fit-tul u l-esklużjoni soċjali;

7. Jinnota li sal-lum, is-settur tat-"Trasport bl-art u t-trasport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet" kien is-suġġett ta' applikazzjoni oħra għall-FEG (EGF/2011/001 AT/Nieder- und Oberoesterreich), li kienet ibbażata wkoll fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;
8. Jilqa' l-fatt li, sabiex il-ħaddiema jingħataw assistenza malajr, l-awtoritajiet Franċiżi ddeċidew li jibdeu l-implimentazzjoni tas-servizzi personalizzati lill-ħaddiema milquta fl-24 ta' Frar 2014, ferm qabel id-deċiżjoni u saħansitra qabel l-applikazzjoni dwar l-għoti ta' appoġġ mill-FEG għall-pakkett koordinat propost;
9. Jinnota li s-servizzi personalizzati li jridu jiġu offruti jikkonsistu f'azzjoni waħda biss li trid tiġi implimentata minn punt uniku ta' servizz (Cellule de reclassement) li huwa mmexxi minn tliet aġenziji kuntrattwali; jinnota li Franza qed titlob biss il-finanzjament ta' dan il-punt uniku ta' servizz mill-FEG; jistenna li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi jsegwu strettament il-prinċipju li skontu l-pagamenti lill-aġenziji jridu jsiru permezz ta' ħlas bin-nifs u abbażi tar-riżultati miksuba;
10. Jinnota li t-tliet kuntratturi li joperaw is-Cellule de reclassement intgħażlu mill-amministratur ġudizzjarju wara konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, bl-objettiv li jiġi kopert kemm jista' jkun it-territorju ta' Franza kontinentali u li tiġi żgurata r-riintegrazzjoni tal-akbar numru possibbli ta' ħaddiema fil-mira;
11. Iqis li l-monitoraġġ tal-attività tal-aġenziji permezz ta' rapporti regolari bil-miktub jiżgura l-użu xieraq tal-finanzjament mill-FEG biex il-parteciċipanti jiġu offruti karriera personalizzata, numru suffiċjenti ta' offerti ta' xogħol u konsulenza għall-ħolqien ta' negozju fil-qafas tas-sistema ta' punt uniku ta' servizz;
12. Ifakkar li l-finanzjament mill-FEG għandu l-għan li jgħin lill-ħaddiema jsibu impjieġ ġdid permezz ta' taħriġ u li fl-ebda każ mm'għandu jintuża biex jappoġġja lill-aġenziji u l-ispejjeż amministrattivi tagħhom;
13. Jinnota li l-kompitu tal-kuntratturi huwa li jassistu u jiggwidaw lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u jgħinuhom isibu soluzzjonijiet li jippermettulhom jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jidħlu f'impjieġi ġodda;
14. Iqis li l-ħaddiema li għandhom bejn il-55 u l-64 sena jinsabu friskju oġhla ta' qgħad fit-tul u esklużjoni mis-suq tax-xogħol; iqis għaldaqstant li dawn il-ħaddiema għandhom bżonnijiet speċifiċi biex jiġu pprovduti b'approċċ personalizzat;
15. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG, il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għandu jkun imfassal b'mod li jantiċipa l-perspettivi u l-kapaċitajiet meħtieġa fil-ġejjieni fis-suq tax-xogħol, u għandu jkun jaqbel mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli;
16. Jilqa' l-użu tal-fondi tal-Fond Soċjali Ewropew għal miżuri attivi ulterjuri (pereżempju korsijiet ta' taħriġ itwal), li mhumiex inklużi fl-applikazzjoni ppreżentata minn Franza;

17. Jiddeplora n-nuqqas ta' fondi dedikati għall-miżuri ta' komunikazzjoni u promozzjoni rigward il-FEG; iqis li l-pubbliċità u l-informazzjoni rigward dawn l-azzjonijiet jiżvolġu rwol importanti mhux biss biex jiġbdu lill-benefiċjarji, iżda wkoll biex jenfasizzaw l-azzjoni tal-Unjoni fil-qasam soċjali;
18. Jistenna li l-awtoritajiet Franċiżi se jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-FEG fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni u l-pubbliċità dwar l-azzjonijiet finanzjati, minkejja li dawn ma talbux il-finanzjament ta' attivitajiet ta' tħejjija, ġestjoni, informazzjoni u pubbliċità.
19. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati li jrid jiġi finanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà mal-azzjonijiet finanzjati mill-Fondi Strutturali; jisħaq fuq il-fatt li l-awtoritajiet Franċiżi kkonfermaw li l-azzjonijiet eliġibbli ma jirċevux assistenza minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni sabiex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha bil-għan li jkun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma tkun tista' sseħħ l-ebda duplikazzjoni tas-servizzi finanzjati mill-Unjoni;
20. Japprezza l-proċedura mtejba stabbilita mill-Kummissjoni, b'segwitu għat-talba mill-Parlament għall-aċċelerazzjoni fir-rilaxx tal-għotjiet; jinnota l-pressjoni fil-ħin li jiġib magħha l-kalendarju l-ġdid u l-impatt potenzjali fuq l-effikaċja tal-eżami tal-fajls;
21. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
23. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (applikazzjoni EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros ippreżentata minn Franza)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba², u b'mod partikolari l-punt 13 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġie stabbilit sabiex joffri appoġġ għall-ħaddiema li jkunu nġhataw is-sensja u għall-persuni li kienu jaħdmu għal rashom u kellhom iwaqqfu l-attività tagħhom b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' ssoktar tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali indirizzata fir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġdida u sabiex jassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) L-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013⁴ jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011).
- (3) Franza sottomettiet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG fir-rigward tas-sensji f'Mory-Ducros SAS fi Franza fis-6 ta' Ottubru 2014, u ssupplementatha b'informazzjoni addizzjonali kif previst fl-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Din l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekwiżiti biex tiġi ddeterminata

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26.).

⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

- (4) Għaldaqstant, il-FEG għandu jiġi mmobilizzat sabiex joffri kontribuzzjoni finanzjarja li tammonta għal EUR 6 052 200 għall-applikazzjoni ppreżentata minn Franza,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex joffri s-somma ta' EUR 6 052 200 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

NOTA SPJEGATTIVA

I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex joffri assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020¹ u tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1309/2013², il-Fond issa ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 150 miljun (prezzijiet tal-2011). L-ammonti xierqa jiddaħħlu bħala provvedimenti fil-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-proċedura, skont il-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba³, sabiex jiġi attivat il-Fond, il-Kummissjoni, f'każ ta' valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, għandha tippreżenta, lill-awtorità baġitarja, proposta għal mobilizzazzjoni tal-Fond u, fl-istess waqt, talba korrispondenti għal trasferiment. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, għandu jinbeda trilogu.

II. L-applikazzjoni Mory-Ducros u l-proposta tal-Kummissjoni

Fit-23 ta' Frar 2015, il-Kummissjoni adottat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur Franza biex tappoġġa r-riintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja f'Mory-Ducros, impriża li topera fis-settur ekonomiku kklassifikat taħt id-diviżjoni 49 ta' NACE Rev. 2 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet") minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali. Is-sensji jikkonċernaw 84 sit fi Franza kontinentali.

Din hija l-ħdax-il applikazzjoni li qed tiġi eżaminata fil-baġit 2015 u tirreferi għall-mobilizzazzjoni ta' ammont totali ta' EUR 6 052 200 mill-FEG għal Franza. Tikkonċerna 2 513 mill-2 804 ħaddiema li ngħataw is-sensja f'Mory-Ducros. L-applikazzjoni ntbagħtet lill-Kummissjoni fis-6 ta' Ottubru 2014 u ġiet issupplimentata b'informazzjoni addizzjonali sal-1 ta' Diċembru 2014. Il-Kummissjoni kkonkludiet, bi qbil mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-applikazzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG.

L-awtoritajiet Franċiżi jsostnu li l-avvenimenti li wasslu għas-sensji f'Mory-Ducros huma l-falliment u l-għeluq tal-kumpanija. Skont il-Bank ta' Franza, il-fallimenti fis-settur tat-trasport tal-merkanzija bit-triq, żdiedu b'35 % fis-sena meta wieħed iqabbel l-2013 mal-2007. Dan huwa meqjus bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, li wasslet biex it-trasport tal-merkanzija bit-triq f'vetturi li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellata naqas bi 13,7 % fl-UE u b'21 % fi Franza bejn l-2007 u l-2012 (Eurostat). Dan it-tnaqqis kien konsegwenza tat-tnaqqis ġenerali ta' produzzjoni fiżika fl-Ewropa. Bħala riżultat tat-tnaqqis fil-volum ittrasportat,

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

² ĠU L 347, 30.12.2013, p. 855.

³ ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

faqqgħet gwerra tal-prezzijiet fi ħdan is-settur, li ma kinitx iffaċilitata mill-evoluzzjoni pożittiva fid-diversi kostijiet (il-petrol, il-pagi, il-materjali), u dan għalhekk wassal għal deterjorament kostanti fil-marġnijiet ta' operazzjoni u telf wara telf għas-settur fi Franza sa mill-2007.

Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu offruti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu f'azzjoni waħda biss: pariri u gwida lill-ħaddiema ssensjati mogħtija minn tim ta' konsulenti esperti (Cellule de reclassement) minn tliet kuntratturi li se jitħallsu bin-nifs u abbażi tar-riżultati miksuba.

Skont il-Kummissjoni, il-miżuri deskritti jikkostitwixxu miżuri attivi fis-suq tax-xogħol fi ħdan l-azzjonijiet eliġibbli stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament dwar il-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwixxux miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.

L-awtoritajiet Franċiżi taw il-garanziji kollha meħtieġa rigward dan li ġej:

- il-prinċipji tat-trattament ugwali u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-azzjonijiet proposti u l-implimentazzjoni tagħhom;
- ir-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u f'dik tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew issodisfati;
- l-azzjonijiet proposti mhumiex se jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi jew strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni u mhu se jitħalla jsir ebda finanzjament doppju;
- l-azzjonijiet proposti se jkunu komplementari għall-azzjonijiet finanzjati mill-Fondi Strutturali;
- il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Franza nnotifikat lill-Kummissjoni li s-sors ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huwa l-baġit tal-Ministeru għax-Xogħol, l-Impjiegi, it-Taħriġ Vokazzjonali u d-Dialogu Soċjali bl-użu tal-linja baġitarja għall-akkumpanjament tal-bidla ekonomika u l-iżvilupp tal-impjiegi.

III. Proċedura

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba ta' trasferiment għal ammont globali ta' EUR 6 052 200 mir-riżerva tal-FEG (40 02 43) għal-linja baġitarja tal-FEG (04 04 01).

Sal-lum, din hija l-ħdax-il proposta ta' trasferiment għall-mobilizzazzjoni tal-Fond trażmessa lill-Awtorità Baġitarja matul l-2014.

F'każ ta' nuqqas ta' qbil, għandha tinbeda proċedura ta' trilogu, kif previst fl-Artikolu 15(4) tar-Regolament dwar il-FEG.

Skont ftehim intern, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali għandu jiġi assoċjat fil-proċess, sabiex joffri appoġġ kostruttiv u jagħti kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

ANNEX: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARIJET SOĊJALI

ZP/jb D(2015)11297

Is-Sur Jean Arthuis
President tal-Kumitat għall-Baġits
ASP 09G205

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għall-każ EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros (COM(2015)068)

Sur President,

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (EMPL) kif ukoll il-Grupp ta' Ħidma tiegħu dwar il-FEG eżaminaw il-mobilizzazzjoni tal-FEG għall-każ EGF/2014/017 FR/Mory-Ducros u adottaw l-opinjoni li ġejja.

Il-Kumitat EMPL u l-Grupp ta' Ħidma dwar il-FEG huma favur il-mobilizzazzjoni tal-Fond fir-rigward ta' din it-talba. F'dan ir-rigward, il-Kumitat EMPL jippreżenta xi rimarki mingħajr, madankollu, ma jqajjem dubju dwar it-trasferiment tal-pagamenti.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat EMPL huma msejsa fuq il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

- A) Billi din l-applikazzjoni hija bbażata fuq l- Artikolu 4(1)(a) tar- Regolament (KE) Nru 1309/2013 (ir-Regolament dwar il-FEG) u tirreferi għal 2513-il ħaddiem li ngħataw is-sensja f'Mory-Ducros SAS, impriża li topera fis-settur ikklassifikat taħt id-diviżjoni 49 ("Trasport bl-art u trasport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet") u li tinsab impjantata fi Franza kontinentali kollha matul il-perjodu ta' mit-13 ta' Marzu 2014 sat-13 ta' Lulju 2014;
- B) Billi, bil-għan li jstabbilixxu rabta bejn is-sensji u l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-awtoritajiet Franċiżi jargumentaw li, bħala riżultat tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, it-trasport tal-merkanzija bit-triq f'vetturi li jiżnu aktar minn 3,5 tunnellata naqas bi 13,7 % fl-UE u b'21 % fi Franza bejn l-2007 u l-2012;
- C) Billi dan it-tnaqqis fit-trasport tal-merkanzija bit-triq kien konsegwenza tat-tnaqqis ġenerali ta' produzzjoni fiżika fl-Ewropa; billi bħala riżultat tat-tnaqqis fil-volum ittrasportat, faqqgħet gwerra tal-prezzijiet fi ħdan is-settur, li ma kinitx iffaċilitata mill-evoluzzjoni pożittiva fid-diversi kostijiet (il-petrol, il-pagi, il-materjali), u dan għalhekk wassal għal deterjorament kostanti fil-marġnijiet ta' operazzjoni u telf wara telf għas-settur fi Franza sa mill-2007;
- D) Billi maġġoranza kbira (85,04 %) tal-ħaddiema li jinsabu fil-mira tal-miżuri huma rġiel u 14,96 % huma nisa; billi l-maġġoranza (81,73 %) tal-ħaddiema għandhom bejn 25 u 54 sena filwaqt li 17,35 % għandhom bejn 55 u 64 sena;

E) Billi din hija t-tieni applikazzjoni għall-FEG f'dan is-settur, u billi ż-żewġ applikazzjonijiet huma bbażati fuq il-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;

Għaldaqstant, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu dwar l-applikazzjoni Franċiża:

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013 huma ssodisfati u li, għalhekk, Franza hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;
2. Jinnota li s-sensji huma mifruxa madwar 84 sit fi Franza kontinentali kollha; jinnota li l-għadd ta' sensji fis-siti differenti jvarjaw minn 2 (Carlos en Champagne u Saint Louis) sa 257 (Gonesse); jinnota, barra minn hekk, li peress li s-sensji seħħew f'bosta siti iżda b'għadd limitat, l-impatt fuq l-impjieg lokali u l-ekonomija lokali huwa limitat ukoll;
3. Jinnota li s-servizzi personalizzati li jridu jiġu offruti jikkonsistu f'azzjoni waħda biss li trid tiġi implimentati minn punt uniku ta' servizz (Cellule de reclassement) li huwa mmexxi minn żewġ aġenziji kuntrattwali; jinnota li Franza qed titlob biss il-finanzjament ta' dan il-punt uniku ta' servizz mill-FEG;
4. Jinnota li t-tliet kuntratturi li joperaw is-Cellule de reclassement ntgħażlu mill-Amministratur Ġudizzjarju wara konsultazzjonijiet mar-rappreżentanti tal-ħaddiema li ngħataw is-sensja, bl-objettiv li jiġi kopert kemm jista' jkun territorju minn Franza kontinentali u li tiġi żgurata r-riintegrazzjoni tal-akbar numru possibbli ta' ħaddiema fil-mira;
5. Jistenna li l-Kummissjoni u l-awtoritajiet Franċiżi jsegwu strettament il-prinċipju skont liema l-pagamenti lill-aġenziji jsiru permezz ta' ħlas bin-nifs u abbażi tar-riżultati miksuba;
6. Iqis li l-monitoraġġ tal-attività tal-aġenziji permezz ta' rapporti regolari bil-miktub jiżgura l-użu xieraq tal-fond biex il-parteċipanti jiġu offruti karriera personalizzata, numru suffiċjenti ta' offerti ta' xogħol u konsulenza għall-ħolqien ta' negozju fi ħdan il-qafas tas-sistema ta' punt uniku ta' servizz;
7. Ifakkar li l-fondi jridu jgħinu lill-ħaddiema jsibu impjieg ġdid permezz ta' taħriġ u fl-ebda każ ma għandhom jappoġġaw lill-aġenziji u l-ispejjeż amministrattivi tagħhom;
8. Jinnota li l-kompitu tal-kuntratturi huwa li jassistu u jiggwidaw lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja u jgħinuhom isibu soluzzjonijiet li jagħtuhom il-kapaċità li jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jidħlu f'impjiegi ġodda;
9. Jilqa' l-użu tal-fondi tal-FSE għal miżuri attivi ulterjuri (pereżempju l-korsijiet ta' taħriġ itwal), li mhumiex inklużi fil-baġit ippreżentat għall-FEG;
10. Iqis li l-ħaddiema li għandhom bejn 55 u 64 sena jinsabu friskju ogħla ta' qgħad fit-tul u esklużjoni mis-suq tax-xogħol; iqis, għaldaqstant, li dawn il-ħaddiema għandhom bżonnijiet speċifiċi huma u jingħataw approċċ personalizzat;

11. Ifakkar li, b'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament, it-tfassil tal-pakkett koordinat ta' servizzi personalizzati għandu jantiċipa l-perspettivi futuri tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa u għandu jkun kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija li hi effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli;
12. Jistenna li l-awtoritajiet Franċiżi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar il-FEG fir-rigward tal-forniment ta' informazzjoni u pubbliċità dwar l-azzjonijiet finanzjati, minkejja l-fatt li l-awtoritajiet ma għamlux talba għal finanzjament ta' attivitajiet ta' thejjiġa, ta' ġestjoni u ta' informazzjoni u pubbliċità.

Dejjem tiegħek,

Marita ULVSKOG,

Aġent President, l-Ewwel Viċi President

ANNES: ITTRA TAL-KUMITAT GĦALL-IŻVILUPP REĠJONALI

Is-Sur Jean ARTHUIS
President
Kumitat għall-Baġits
Parlament Ewropew

Sur Arthuis,

Suġġett: **Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni**

Proposta tal-Kummissjoni għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) ġiet riferuta lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-opinjoni tiegħu. Nifhem li huwa maħsub li jiġi adottat rapport dwar din il-proposta fil-Kumitat għall-Baġits fl-1 ta' April 2015:

- **COM(2015)0068** jipproponi kontribuzzjoni mill-FEG ta' EUR 6 052 200 għal miżuri attivi tas-suq tax-xogħol biex tiġi ffaċilitata r-riintegrazzjoni tal-2 513-il ħaddiem li ngħataw is-sensja f' Mory-Ducros SAS, impriża li kienet topera fis-settur ekonomiku tat-trasport bl-art u t-trasport permezz ta' sistemi ta' pajpijiet fi Franza.

Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006;

Il-koordinaturi tal-Kumitat ivvalutaw din il-proposta u talbuni niktiblek biex nirrapportalek li l-maġġoranza tal-membri ta' dan il-Kumitat m'għandhom l-ebda oġġezzjoni għal din il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni biex l-ammont imsemmi hawn fuq jiġi allokat kif propost mill-Kummissjoni.

Dejjem tiegħek,

Iskra MIHAYLOVA

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	1.4.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 31 -: 3 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean Arthuis, Richard Ashworth, Reimer Böge, Lefteris Christoforou, Jean-Paul Denanot, Gérard Deprez, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Jens Geier, Ingeborg Gräßle, Iris Hoffmann, Monika Hohlmeier, Carlos Iturgaiz, Bernd Kölmel, Vladimír Maňka, Ernest Maragall, Clare Moody, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Liadh Ní Riada, Jan Olbrycht, Urmas Paet, Paul Rübig, Petri Sarvamaa, Paul Tang, Indrek Tarand, Isabelle Thomas, Inese Vaidere, Marco Valli, Daniele Viotti, Marco Zanni
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Michał Marusik, Andrey Novakov, Derek Vaughan